**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Lulju, 2024**

**Rikors Nru: 203/2024 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1384/2023 fl-ismijiet:

**EFX Condominum Services Limited (C-46349)**

**vs**

**JK Services Limited (C-100041) fil-kapacità taghha ta' bhala amministratur ta' Fort Cambridge E.C.A. Association**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ JK Services Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet thassar jew tirrevoka *in parte* sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghha minn EFX Condominium Services Limited sabiex din tal-ahhar tqieghed fid-sod pretensjoni taghha ghall-hlas ta’ servizzi ta’ manutenzjoni, amministrazzjoni u tindif rezi lil E.C.A. Association.

Rat id-dokument annessi.

Rat ir-risposta ta’ EFX Condominium Services Limited u d-dokumenti maghha annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Tibda biex tenfasizza illi fi proceduri bhalma huma dawk odjerni, il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha fuq bazi ta’ dak li jirrizulta mad-daqqa t’ghajn, bl-iskrutinju fil-fond jibqa’ essenzjalment rizervat ghall-gudikant meta jkun qieghed jittratta l-mertu tal-vertenza.

Dan premess, is-socjetà sekwestrata ssejjes it-talba taghha fuq l-Art. 836(1)(c), (d), (e) u/jew (f) li jipprovdu ghat-thassir ta’ mandat kawtelatorju:

> *“(c) jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta’ min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta’ att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista’ għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> *(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Il-Qorti tibda billi tiskarta t-talba sa fejn hija bbazata fuq is-subincizi (c) u (e). Ma jirrizulta li sar ebda depozitu fl-atti tal-mandat 1384/2024. Id-diversi depoziti li saru mis-socjetà sekwestrata saru in segwitu ta' diversi mandati ohra li mbaghad tnehhew.

Il-kawzali tas-socjetà sekwestrata skond l-Art. 836 (1) (d) u (f) ser jigu meqjusa flimkien peress illi essenzjalment jirrigwardaw il-kontijiet bejn iz-zewg socjetajiet. Jidher mid-dokument esibit mas-sekwestru originarjament illi l-ammont dovut minn E.C.A. Association kien ta' €137,740.32. Dan l-ammont jidher ukoll konsidrat fir-rapport tal-accountant Karl Cutajar inkarigat mis-socjetà sekwestrata. Wiehed jinnota li l-accountant jiddikjara li hadem fuq dokumenti provduti lilu mill-istess sekwestranti.

Madanakollu, l-istess accountant jikkonkludi illi, wara li qies il-flejjes kollha depozitati fil-kontijiet bankarji u d-diversi transazzjonijiet li saru, l-izjed li jista' baqa' x'jithallas minn JK Services Limited ghall-assocjazzjonijiet kollha huwa l-ammont ta' €45,367.87 u mhux l-ammont ferm akbar li ssemma' fil-mandat. F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk il-Qorti ssib gustifikata t-talba sabiex l-ammont kawtelat fil-mandat jitnaqqas ghal dak l-ammont.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' JK Services Limited limitatament billi tordna li l-ammont kawtelat bil-mandat ta' sekwestru 1384/2023 ghandu jonqos ghal hamsa u erbghin elf tlett mija u seba' u sittin Ewro (€45,367).

L-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu rizervati ghall-gudizzju fil-mertu.

IMHALLEF